TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024**

**Talba Nru: CCT154/23/DS**

**Martin Scicluna u Josephine Scicluna**

**Vs**

**Airmalta Plc.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-1 ta' Settembru, 2023 fejn talbu s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' tlett mitt Ewro (€300) minħabba spejjeż li nkorrew sabiex jixtru l-*armour* tal-Kendo għal binhom peress illi l-bagalja li biha vvjaġġa ma waslitx ġewwa l-ajruport ta' Charles De Gaulle mal-istess titjira;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fit-13 ta' Ottubru, 2023;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-atturi kkonfermaw il-punti essenzjali tat-talba tagħhom, bl-informazzjoni illi niżżlu fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedu xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħhom.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-atturi huma l-ġenituri ta' guvni illi mar jikkompeti barra minn Malta u li fil-bagalja li ħa miegħu kellu armour neċessarju biex jikkompeti bih illi peress illi l-bagalja tiegħu ma waslitx mat-titjira kien ser ikun sprovvist mill-ilbies neċessarju biex jikkompeti.

L-atturi qegħdin jgħidu illi għalkemm provaw jiċċekkjaw mal-ajruporti kemm Malta u Franza – Charles de Gaulle, huma ma ngħatawx konferma jekk kienetx waslet il-bagalja għalkemm qalulhom illi anka li kieku waslet il-courier ma kienx ser ikun qiegħed jaħdem fil-weekend.

Illi sabiex ma jtellfux il-kompetizzjoni lil binhom huma xtraq armour ġdid li ġie jiswa' sitt mitt Ewro (€600), dan barra spejjeż ta' bagalja ġdida u affarijiet oħra bħall ħwejjeġ intimi.

Is-soċjeta' intimata ssostni illi l-bagalja kienet l-ajruport ta' Charles de Gaulle fil-ħin għall-kompetizzjoni imma l-atturi minflok marru għaliha xtraq armour ġdid li kienet nefqa inutili fiċ-ċirkustanzi u tirritjeni wkoll illi dan l-armour issa qiegħed għandhom u qegħdin jużufruixxu minnu.

L-atturi jsostnu illi din kienet nefqa żejda u li għalkemm l-insurance għadditilhom tlett mitt Ewro (€300) f'kumpens ħadd ma kien qalilhom illi l-kumpanija tal-ajru mhux ser tikkumpensa l-kumplament u għaldaqstant fetħu din il-kawża.

Illi ibda biex, il-partijiet qegħdin jaqblu illi l-bagalja in kwistjoni waslet tard. Qegħdin jaqblu wkoll illi dan ġara fil-weekend u fejn is-soltu l-AirMalta tibgħat courier iwassal il-bagalji f'ċirkustanzi simili f'din l-okkażjoni l-courier ma ħadimx. Fejn m'humiex jaqblu huwa fuq l-ammont li ntefaq jekk intefaqx kapriċċosament o meno.

It-Tribunal ikkunsidra illi l-atturi ma jingħadx illi kellhom xi tort illi l-bagalja waslet tard. Ikkunsidra wkoll illi kemm jekk l-atturi kienu avzati li l-bagalja waslet il-Ħamis 18 ta' Mejju, 2023 o meno, il-courier li solitament iwassal il-bagalji bħala parti mis-serviżż tal-kumpanija tal-ajru, ma kienx ser iwassalielhom. Kieku dan is-servizz ingħatalhom, kieku l-bagalja kienet tkun għandhom fil-ħin u ma kienx ikun hemm

bżonn jixtru *armour* ġdid. In-nuqqas tas-serviżż li solitament jingħata, ma ngħatax minn naħa tal-kumpanija u ma jistgħax jintefa' tort fuq l-atturi għaliex huma ma marrux l-airport għall-bagalja huma. Ibda biex huma jsostnu illi ħadd ma qalilhom li l-bagalja waslet u s-soċjeta' intimata ma tellgħet l-ebda prova li fil-fatt dan mhux minnu, u aktar min hekk jidher illi kien hemm bogħod konsiderevoli għaliex issemma l-fatt illi li kieku kienu jafu kienu jmorru bit-train.

Illi barra min hekk it-Tribunal eżamina l-provi prodotti mill-atturi li fosthom hemm *phone logs* illi juru illi l-atturi minn *mobiles* differenti ċemplu numru konsiderevoli ta' drabi biex jiċċekjaw waslitx din il-bagalja. In-numru tat-telefon illi ċemplu kien dak indikat *f'email* datata 18 ta' Mejju, 2024 il-*Customer Relations* tal-Air Malta li fost affarijiet oħra kienet tgħid illi '*we are doing our best to find it and return it'* illi hija kjarament mhux dikjarazzjoni li l-bagalja waslet Chareles de Gaulle. L'ammont ta' drabi li ċemplu fit-18 u fid-19 ta' Mejju, 2023 ukoll huwa ndikattiv li kien għad m'għandhomx risposta. Il-probabbilta' hi li li kieku kienu fil-fatt ġew assikurati illi l-bagalja qiegħda Charles de Gaulle ma kienux ikunu saru daqs dawk tefonati l-għada li waslet.

It-Tribunal jinnota illi għalkemm fir-risposta tagħhha l-Air Malta tgħid li r-rikorrenti '*għażlu'* li l-bagalja ma tingabarx mill-ajruport dan mhu korroborat mill-ebda prova. Mill-assjem tal-provi, anzi, jidher illi din l-għażla ma kienetx fil-fatt preżentat ruħha għaliex ħadd ma kien qalilhom illi l-bagalja kienet waslet.

Il-kumpanija tal-ajru tinsisti li d-dewmien fil-kunsinna tal-bagalji hi ta' tletin Ewro (€30) kull jum pero' ma ngiebet l-ebda farka ta' prova li tissustanzja dan. Lanqas ma ngiebet prova illi jekk tħallas il-kumpanija tal-assikurazzjoni ma tħallas xejn il-kumpanija tal-ajru. Anzi r-raġuni mgħotija mir-rappreżentant kienet illi l-kumpanija tal-assikurazzjoni ddur l-Air Malta għal dak li ħallset. Dan jagħti wieħed x'jifhem illi f'dan il-każ il-kumpanija tal-assikurazzjoni daret jew setgħet iddur fuq l-Air Malta għal tlett mitt Ewro (€300) u mhux sitt mitt Ewro (€600) w'għaldaqstant din ma kienetx raġuni valida għalfejn l-Air Malta ma kienetx dovuta tħallas il-kumplament.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-atturi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tagħhom tiġi akkolta. Hawnhekk ta' min iżid illi f'dan il-każ huwa rrelevanti illi finalment l-armour ġiet irkuprata għaliex l-ispiża saret meta f'ċirkustanzi oħra ma kienx ikollha ssir u l-atturi m'għandhomx ibgħatu l-ispiża, la kollha kemm hi u lanqas nofsha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta'tlett mitt Ewro (€300) lill-atturi kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' tletin Ewro (€30) lill-istess atturi bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilhom.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**